MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2008

Numru. 669/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Jonathan-Joseph Briffa ta' 25 sena, iben Mary Briffa, twieled 23 ta' Gunju 1983 il-Pieta`, joqghod St. Joseph Flats, Flat 4, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex u detentur tal-karta ta' l-identita` 349183(M)**

**u**

**Rueben D'Amato tga' 25 sena, iben Bartholomew u Emanuela nee` Mallia, twieled 22 ta' Gunju 1983, Pieta` u joqghod 81, Alexander Crt, Triq Luqa Briffa, Gzira, ID 342883(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Lulju, 2008, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (05.00pm), minn gewwa apartment numru 2266 Garden View, Triq is-Sidra, Swieqi, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-marka Motorola, 2 cameras digitali, MP3 Player, accessorji tal-mobile phones u oggetti ohra personali liema serq huwa aggravate bil-'mezz u bil-valur (aktar minn 232.56 Euros izda anqas minn 2325 Euros) ghad-dannu ta' Lawra Albert, Jessica Selva Albert u Vazquez Bodi Caterina u persuni ohra mhux maghrufa.

Jonathan-Joseph Briffa gie akkuzat wahdu talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni mghamulha mill-imputati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tiaghhom liema ammissjoni gie rijaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammisjoni mghamula mill-imputati l-Qorti ma tistghax hlief issibhom hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfornt taghom.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati u l-fatt illi l-affarijiet misruqa gew kwazi kompletament ritornati lil sidhom. Inoltre jidher illi l-imputati ghandhom bzonn ta' l-ghajnuna ta' persuni kwalifikati sabiex isegwuhom u jekk ikun hem mil-bzonn jghatuhom l-ghajnuna sabiex jghelbu l-vizzju

tad-droga u dana sabiex dawn it-tip ta’ reati ma jergghux isehhu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 289, 261(b)(c), 263 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni ta’ l-artikoli 7(1) u (5)tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdha tqieghed lill-hatja taht ordn ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum b’rakkomandazzjoni lill-Ufficjal tal-Probation illi ghandu jara illi l-imputati jibdew isegwu programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qeghda twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi huma jiksru din l-ordni tal-probation jew ma jobdux id-direttivi mghotija mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------